**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRMAN**

**Rikors numru 123/2015**

**Ronald Mifsud (K.I. nru 727437M) u martu Maria Pia Mifsud (K.I. nru 754340M), Norman Mifsud (K.I. nru 395239M), Derek Mifsud (K.I. nru 661543M) u martu Maria Mifsud (K.I. nru 290345M), l-Imhallef Emeritus Dr. Joseph Galea Debono (K.I. nru 619645M) u martu Mary Galea Debono (K.I. nru 103744M), it-Tabib Dr. Anthony Galea Debono (K.I. nru 435147M) u martu Vivien Galea Debono (K.I. nru 12191M), l-Avukat Dr. Richard Galea Debono (K.I. nru 233355M) u martu Dorothy Galea Debono (K.I. nru 18259M), Mark Debono (K.I. nru 202451M), Nadya mart Colin Tabone (K.I. nru 456653M) u l-istess Colin Tabone (K.I. nru 21232G), Graziella Debono (K.I. nru 336364M), Anthony Debono (K.I. nru 277856M) u martu Janet Debono (K.I. nru 819855M),**

**Simone mart Peter Dimech (K.I. nru 339554M) u l-istess Peter Dimech (K.I. nru 340252M), Tania mart Saviour Galea (K.I. nru 460453M) u l-istess Saviour Galea (K.I. nru 894151M), Moira mart Philip Degabriele (K.I. nru 429156M) u l-istess Philip Degabriele (K.I. nru 675255M), Francesca mart Dennis Stivala (K.I. nru. 359066M) u l-istess Dennis Stivala (K.I. nru 31056M) u Eileen armla ta' Frank Debono (K.I. nru 590230M) kif rapprezentata minn uliedha hawn fuq imsemmijin Mark Debono u Nadya Tabone in forza ta' digriet tal-Qorti tal-Gurisdizzjoni Volontarja**

**vs**

**Anthony Catania (K.I. nru 241445M) u martu Dolores sive Doris Catania (K.I. nru 605348M)**

**Illum 15 ta' Frar, 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk;

Illi huma jikru lill-intimati Anthony u martu Doris sive Dolores Catania, il-hanut numru tmienja (8), bl-isem JADE, Bisazza Lane, Sliema, skond kuntratt ta' lokazzjoni datat 11 ta' Awwissu, 1986 li

kopja tieghu qed tigi hawn esebita (Dok A), bil-kera ta' tlittax l-Ewro u tmenin centezmu (€13.80c) kuljum kif awmentat perjodikament skond il-klawsola 3 tal-istess skrittura ta' lokazzjoni, pagabbli bit-tlett xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fl-1 ta' Jannar, 2016.

Illi skond il-klawsola hamsa (5) tal-istess skrittura ta' lokazzjoni, it-twellija, sullokazzjoni, jew cessjoni tal-imsemmi fond jew tal-lokazzjoni kienet giet espressament vjetata.

Illi matul ix-xahar ta' Novembru 2015, ir-rikorrenti esponenti skoprew li l-intimati konjugi Catania kienu issullokaw, wellew jew cedew il-lokazzjoni tal-imsemmi fond lis-socjeta' AGILE LIMITED li kienet qed topera mill-istess fond.

Illi minnufih huma interpellaw lill-intimati biex jivvakaw il-fond stante li, bl-agir taghhom, huma kienu vvjolaw il-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni b'mod li dan jaghti lok ghax-xoljiment tal-lokazzjoni u li jintitola lir-rikorrenti li jitolbu minnufih ir-ripreza tal-fond lokat.

Illi skond l-artikolu 16A(1)(a) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, dan jintitola lill-esponenti li jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord li jiddecidi skond it-talba taghhom ghall-izgumbrament tal-intimati mill-imsemmi fond minghajr ma jghaddi ghas-smigh tal-kawza.

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi l-intimati m'ghandhomx difiza ghat-talba li qeghda issir kontra taghhom u qeghdin jigu pprezentati konteswalment tliet affidavits tar-rikorrenti Avukat Dr. Richard Galea Debono (Dok B), kif ukoll ta' Tania Galea u Francesca

Stivala (Dokumenti C u D) li jiddikjaraw illi l-fatti esposti minnhom huma maghrufin minnhom personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord:

1. Jawtorizza lir-rikorrenti li ma jghaddux ghar-rilokazzjoni ex lege tal-fond numru tmienja (8) bl-isem JADE, Bisazza Lane, Sliema, ghal raguni fuq imsemmija ta' ksur tal-kondizzjoni li tivvjeta it-twellija, s-sullokazzjoni jew cessjoni tal-lokazzjoni lil terzi, u dan b'effett immedjat, u

2. jordna l-izgumbrament tal-intimati mill-fond hawn fuq imsemmi, u

3. li l-Bord jiddeciedi skond it-talba minghajr ma jghaddi ghas-smigh tal-kawza.

Bl-ispejjez, kontra l-intimati li jibqghu ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Ra li l-intimati kienu debitament notifikati fit-18 ta' Jannar 2016 bir-rikors promotur u bid-digriet tad-13 ta' Jannar 2016;

Ra li l-intimati kienu debitament notifikati bl-avviz tas-smiegh fl-04 ta' Frar 2016 ghas-seduta tal-15 ta' Frar 2016;

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b'dikjarazzjoni guramentata tal-fatti minnhom maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimati m'ghandhom l-ebda difiza valida x'jistghu jaghmlu skond il-ligi;

Ra illi l-intimati ma ressqu l-ebda nota ta' oggezzjoni ghat-talbiet attrici;

Ra illi t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh;

Ra illi l-intimati dehru quddiem il-Bord ghas-seduta tal-lum u ammettew it-talbiet tar-rikorrenti;

Iddecieda:

Il-Bord stante l-ammissjoni tal-intimati ghat-talbiet tar-rikorrenti, qieghed jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgumbrament qed jipprefiggi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur